

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetari](#) > [Tariffi Tal-qorti Dwar Il-proċedura Tal-ħlas Ewropea](#) > [Cyprus](#)

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn Ċipru



Ċipru

Introduzzjoni

Ir-regolament proċedurali li jirregola l-applikazzjoni tal-proċedura ta' Ordni ta' Ħlas Ewropea f'Ċipru huwa r-Regolament Proċedurali tal-2008 dwar il-Proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea (7/2008), li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2008.

X'tariffi huma applikabbli?

L-Artikolu 25 tar-Regolament Proċedurali ta' hawn fuq jipprovdi li t-tariffi tal-qorti dovuti ma għandhomx jaqbu t-tariffi tal-qorti mitluba għall-proċedimenti ċivili ordinarji, skont l-iskala rilevanti, kif stabbilit fil-Formola H tal-Anness VIII (ipprovduta hawn taħt).

Kemm se nħallas?

Ara t-tweġiba għad-domanda 2 aktar 'il fuq.

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Ir-rikors tiegħek għal Ordni ta' Ħlas Ewropea mhux se jinstema' sakemm it-tariffi tal-qorti ma jkunux tħallsu.

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

It-tariffi tal-qorti jistgħu jitħallsu permezz tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru.

X'għandi nagħmel wara l-pagament?

Ladarba l-Bank Ċentrali jkun ikkonferma lill-Qorti Distrettwali li jkun irċieva t-trasferiment b'nota ta' kreditu, il-fajl jiġi riferut lill-imħallef kompetenti li, jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet, jordna l-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea.

ANNEX VIII

TARIFFI TAL-QORTI Formola H Partita	Ir-Regolament 25(2) tar- Regolament Proċedurali tal-2008 dwar il-Proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea	Taxxa tal-bolla (EUR)
(a) Fejn l-ammont mitlub jew il-valur tal-kwistjoni soġġetta għal litigazzjoni jaqbeż EUR 100 iżda mhux EUR 500		17.00
(b) Fejn l-ammont mitlub jew il-valur tal-kwistjoni soġġetta għal litigazzjoni jaqbeż EUR 500 iżda mhux EUR 2 000		31.00

(c) Fejn l-ammont mitlub jew il-valur tal-kwistjoni soġġetta għal litigazzjoni jaqbeż EUR 2 000 iżda mhux EUR 10 000	48.00
(d) Fejn l-ammont mitlub jew il-valur tal-kwistjoni soġġetta għal litigazzjoni jaqbeż EUR 10 000 iżda mhux EUR 50 000	94.00
(e) Fejn l-ammont mitlub jew il-valur tal-kwistjoni soġġetta għal litigazzjoni jaqbeż EUR 50 000 iżda mhux EUR 100 000	154.00
(f) Fejn l-ammont mitlub jew il-valur tal-kwistjoni soġġetta għal litigazzjoni jaqbeż EUR 100 000 iżda mhux EUR 500 000	256.00
(g) Fejn l-ammont mitlub jew il-valur tal-kwistjoni soġġetta għal litigazzjoni jaqbeż EUR 500 000 iżda mhux EUR 2 000 000	342.00
(h) Fejn l-ammont mitlub jew il-valur tal-kwistjoni soġġetta għal litigazzjoni jaqbeż EUR 2 000 000	427.00

Jekk l-ammont mitlub mir-rikorrent jiżdied wara li tkun ġiet ippreżentata l-kawża, għandha titħallas id-differenza fit-tariffi tal-qorti.

Jekk il-valur tal-kwistjoni soġġetta għal litigazzjoni jiżdied minħabba li tiġi ppreżentata kontrotalba, id-differenza fit-tariffi tal-qorti għandha titħallas mill-konvenut.

■ L-aħħar aġġornament: 06/08/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.